# Id-Dghajsa Tieghi

*Ta'* A. Cremona

*(Għanja ta' Baħri Malti)*

Għadha tofroq il-mewġ id-dgħajsa tiegħi
—il-mewġ li ħabtu għaliha minn kull naħa;
bil-qlugħ imċarrta jien għalibt is-saħħa
tar-rwiefen u degħbien; bil-qdif ta' driegħi
wassalt id-dgħajsa tiegħi
fi xtut kennija
fejn jidħku bija
darba ħallejt 'il sħabi li bil-għira
imxew fid-dlam ta' moħħ u ta' qalb żgħira.
Għadha tofroq il-mewġ id-dgħajsa tiegħi,
bir-ragħwa f'ħalqu rat ġej biex jiblagħha
l-għadu tar-ruħ; iżda mill-mewt refagħha
seħer ta' moħħ u qalb; bil-qdif ta' driegħi
wassalt id-dgħajsa tiegħi
b'mewġa xitwija
f'żiffa sajfija.
Il-lum li xjieħet, ta' l-irjieħ irsira,
bħal fewġa tħoss tar-rwiefen kull tisfira.
U tarġa' tarfa' l-qlugħ id-dgħajsa tiegħi
bi qlugħ imraqqgħa, għar-rotta ta' xortija;
u għalkemm hi tħoss it-toqol tax-xjuħija
rebħet ir-riħ: tal-mewġ l-inżul u t-tlegħi.
Għalxejn lid-dgħajsa tiegħi
ried ibeżżagħha,
fuq blat jitfagħha
l-għadu tal-moħħ hemm moħbi ġol-għadira
minn fejn trejjaħ bil-ħmieġ ta' qalbu l-ħmira.
U tarġa' tarfa' l-qlugħ id-dgħajsa tiegħi
—il-qlugħ imżewqa b'nisġa barranija
li ta' smewwiet u baħar il-ħruxija
tilqa' u ttuq u żżid il-qdif ta' driegħi.
Jien fuq id-dgħajsa tiegħi,
bid-dmija magħha
biex issebbaħha,
it-terħa ndendel biex tal-Għlieda l-Kbira
għall-Baħri Malti tkun l-egħżeż tifkira.

L-1 ta' April, 1946.



# Is-Sengha tal-Palk

*Ta'* Nikol Biancardi

*Inġibu hawn taħt siltiet minn taħdita li għamel bir-Rediffusion il-ħabib tagħna Nikol Biancardi, is-Segretarju tal-Kumitat tal-Konkors Tijatrali li tnieda fil-bidu ta' Marzu 1946 u li kellu bħala Eżaminaturi lill-Kavalier Ġużè Galea M.D., D.P.H., lis-Sur Ġjaċinto Tua P.L., u lis-Sur Ġino Muscat-Azzopardi.*

Wisq ftit huwa mfaħħar il-Palk Malti min-nies ta' dehen; ir-raġunijiet huma bosta u l-lum fiħsiebni nsemmi ftit minnhom.

Meta pubbliku intelliġenti jara quddiemu nies li bilkemm jafu jlissnu frażi suret in-nies; meta jmur jara xogħlijiet tijatrali li l-lum rabbew is-sadid u li jirridikolaw lil kull min jirreċitahom, ikun attur tajjeb kemm ikun, il-pubbliku ma jista' qatt iħoss ġibda lejn it-tijatru Malti.

Novelli, Betterton, Bernhardt, Duse, Garrick, Zacconi, Pavlova, Gramatica, Kemble, Emanuel, Ken u bosta artisti kbar oħra, kollha kienu jibżgħu u jaħarbu s-sitwazzjonijiet tqal tal-palk li bihom huma mimlijin il-kotra tal-produzzjonijiet Maltin.

Qtil, avvelenamenti, nisġiet bla sengħa u ħwejjeġ oħra il-lum huma mwarrbin mit-tijatru modern, u, meta jidhru fil-bogħod, ikunu mqegħdin b'xejra naturali ħafna u mhux imfissrin b'ħafna tisbit, għajat, tqanfid ix-xagħar u tkerrih li bihom huma hekk ferħana xi dilettanti Maltin.

Sabiex it-tijatru Malti jintrefa' xi ftit, jeħtieġ li l-produzzjonijiet li qegħdin insemmu jiġu mwarrbin darba għal dejjem. Jeħtieġ li dawk li bil-kemm jafu jiktbu isimhom ma jibqgħux jippużaw aktar ta' awturi.

Min ma jaqrax produzzjonijiet ta' Bracco, Aicard, Giocosa, Ibsen, Mariani, Shaw u kittieba kbar oħra, ma jistax ikollu ħjiel tal-ġmiel tat-tijatru.

**Il-"Grand Guignol"**

Mid-dilettant tal-palk Malti ħadd m'għandu jistenna xi John Barrymore jew xi Robert Donat, iżda kulħadd għandu l-jedd jistenna li ser jara, għallinqas, nies li jafu jitkellmu u li jifhmu tassew xi jkunu qegħdin jagħmlu.